# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

---

Minuti tas-seduta numru sitta u sittin (66) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar il-Ħamis 30 ta' Settembru, 2010, fil-6:00pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Publius Abdilla | Viċi Sindku |
| | Eddie Bonello | Kunsillier |
| | Jerome Busuttil | Kunsillier |
| | Francis Callus | Kunsillier |
| | Derren Busuttil | Segretarju Eżekuttiv |
| | Dorianne Zammit | Uffiċċjal Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presjeda l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**Tender tal-Knis**

3. Qabel ma bdiet is-seduta, il-Kunsill iltaqa sabiex jiftaħ id-dokumenti tat-Tender tal-Knis. Kien hemm erbgħa dokumenti tat-tender. Wara li dawn infetħu, il-Kunsilliera diskutew l-offerti kollha u ġie deċiż li preliminarjament l-offerta preferuta tkun l-irħas waħda. Minħabba il-fatt li l-irħas offerta kellha d-document '*non-collusive tender document*' mhux iffirmat, il-Kunsilliera qablu li qabel ma ssir l-aġġudikazzjoni, is-SE għandu jivverifika mad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali u dak tal-Kuntratti sabiex nikkonfermaw hekk dan in-nuqqas jiskwalifikax din l-offerta awtomatikament u b'hekk ma jkunx jista jiġi kkunsidrat fl-għażla waqt l-aġġudikazzjoni finali.

**Punti mil-Minuti**

4. Rigward il-pjanċa li ser titwaħħal quddiem il-ħanut f'Triq Santa Marija, Dorianne Zammit qrat kwotazzjoni li irċieva l-Kunsill. Għalkemm il-kwotazzjoni kienet rħisa, il-pjanċa li ġiet kwotata hija eżatt bħal dik eżistenti u allura ma hix tajba. Il-Kunsilliera qablu li inkellmu lil Joe Schembri, il-ħaddiem tal-kunsill, sabiex naħdmuha din il-pjanċa bil-ħaddiema tal-Kunsill.

5. Is-Sindku ikkonferma li l-*stands* sabiex magħhom jeħlu t-tabelli informattivi mal-postijiet storiċi f'Ħal Safi tlestew. Il-Kunsilliera qablu li flimkien jimmarkaw il-postijiet ta' fejn ser jitwaħħlu.

6. Dorianne Zammit ikkonfermat li inġabru tmien applikazjonijiet għaż-żgħażagħ li applikaw għal-Kunsill Nazzjonali taz-Żgħażagħ. Dawn intbagħtu lid-Dipartiment ikkonċernat.

7. Il-Kunsilliera qablu li is-SE jikteb lid-Dipartiment ta' l-Anzjani sabiex iċ-Ċentru ta' l-Anzjani ta' Hal Safi jgħaddi kopja taċ-ċwievet ta' l-uffiċju tagħhom. Dawn jitpoġġew fl-uffiċju tas-Sindku ġo envelop issiġillat bil-firma tas-Sindku u dik tal-persuna responsabbli mid-Day Care Centre. L-użu ta' dawn iċ-ċwievet isir biss f'każijiet ta' emerġenza u kull meta jintużaw ikun hemm reġistru li irid jiġi iffirmat bid-data, l-ħin u raġuni ta' l-użu.

**Contracts Manager**

8. Is-SE ippreżenta fuq il-mejda tal-Kunsill id-dokument tat-Tender tal-*Contracts Manager* u minnu qara l-punti prinċipali għal informazzjoni tal-Kunsilliera. Il-Kunsilliera diskutew dan il-Kuntratt u qablu unanimament li preżentement il-Kunsill ma għandux bżonn dan is-servizz għaliex ix-xogħol jsir mil-Kunsilliera stess. B'hekk il-Kunsill jiffranka l-flus u jiġi assigurat li ix-xogħol jsir kif jkun miftiehem bejn il-Kunsilliera. Is-SE intalab minn Publius Abdilla sabiex jassigura li l-Kunsill jista ma jkollux Contracts Manager. Il-Kunsilliera qablu unanimament li l-Kuntratt preżenti li hemm mal-*Contracts Manager* jiġi terminat.

**Korrispondenza**

9. Il-Kunsill irċieva talba mil-Kap ta' l-iskola San Benedittu, Ħal Safi sabiex l-impjegati tal-Kunsill jagħmlu erbgħa siegħat kull ġimgħa fil-Librerija. Il-Kunsill qablu li fis-sitwazzjoni preżenti l-impjegati jistgħu joffru sagħtejn fil-ġimgħa. Il-quddiem il-Kunsill ma jeskludix li jirrevedi dawn il-ħinijiet.

10. **Passaġġ miftuħ f'*side road* f'Triq Ħajt Ruman:** Is-Sindku rimarka li bix-xita qed joħroġ ħafna terrapien f'Triq Ħajt Ruman minn dan dan il-passaġġ. Il-Kunsilliera qablu li l-Kunsill jikteb lil MEPA dwar din il-problema sabiex jingħata permess li l-Kunsill jibni ħajt u jħalli passaġġ li tgħaddi minnhu persuna. B'hekk l-ilma jiskula ġo triq mingħajr ma joħroġ it-terrapien u ħamrija mil-passaġġ.

11. **Laqgħa mas-Segretarju ta' Chris Said:** Is-Sindku sejjaħ laqgħa tal-Kunsill ma l-Hon Dr. Chris Said nhar l-Erbgħa 6 ta' Ottubru, 2010 fil-11 ta' filgħodu. L-agenda ser tinkludi Triq il-Kuċċard, Kunsill OneStop Shop, ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv u ftuħ ta' Xelters f'Ħal Safi.

12. **Informazzjoni wara laqgħa tal-Kumitat Konġunt:** Is-SE qara ittra li irċieva l-Kunsill minn RCSM Legal, l-avukati tal- Kumpanija Sterling Security. Din il-Kumpanija qed tinterpella l-ħlas ta' aktar minn €50,000 f'kontijiet pendenti mil-Kumitat Konġunt Kunsill Lokali Grupp 1. Is-Sindku spjega is-sitwazzjoni fid-dettall u qal li ser jinħatar Uffiċjal Awtorizzat ieħor sabiex jinvestiga din is-sitwazzjoni.

**Ħwejjeġ oħra**

13. Fuq proponiment tas-Sindku il-Kunsilliera qablu unanimament li l-Kunsill għandu jorganizza tournament tal-Football u l-qliegħ jmur lil Malta Community Chest Fund. Dwar dan il-Kunsill ser jkellem lil Omar Schembri, Head Coach ta' Safi Youth Nursery, sabiex jgħin lil Kunsill jorganizza dan it-tournament.

14. Is-SE ipreżenta lil Kunsilliera r-rendikont tal-flus li l-Kunsill daħħal u nefaq minn Skola Sajf.

15. Publius Abdilla rimarka għall-informazjoni tal-Kunsilliera li waqt il-ħarġa ta' l-anzjani li organizza il-Kunsill ftit ġranet ilu, kien hemm anzjana li waqat u weġġat idejha. Din ittieħdet l-isptar fejn ingħatat il-kura meħtieġa.

16. Is-Sindku rimarka lil mar ma' Publius Abdilla il-MEPA sabiex jaraw il-Mappa li ser titwaħħal fin-notice board. Irridu nibgħatu ritratti tal-postijiet storiċi u l-lista numerata tal-postijiet storiċi korrispondenti mal-*heritage trail*. Il-mappa ser jkollha stampa ta dawn il-postijiet fuq il-post fil-mappa u numru ta referenza li jikkorripondi ma' *legend*.

17. Fuq talba ta Eddie Bonello, Dorianne Zammit ikkonfermat li t-titqiba ta' l-influwenza ser tingħata lil anzjani mil-Kunsill fiz-żmien li ġej.

18. Eddie Bonello rimarka li hemm bankina f'Triq il-Kuċċard li hemm bżonn titranġa għax qeda ta' periklu. Is-Sindku u l-Kunsilliera qablu li għalkemm din it-triq daqt titranġa mil-Gvern, il-Kunsill għandu jintervjeni immedjatament sabiex ineħħi dan l-periklu.

19. **Il-Payment Approval** Sheet No. 59 ġiet approvata.

20. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Tnejn 18 ta' Ottubru, 2010.

21. Il-laqgħa ntemmet fid-9:30pm.

Approvati llum 18/09/2010

Sindku — Segretarju Eżekuttiv